**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 275**
**It-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024 fl-4:00 p.m.**

**ANIMAL WELFARE - KLIEB MIŻMUMA**

**21147. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm klieb miżmuma fi ħdan l-Animal Welfare?

04/09/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li taħt il-kura tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fil-preżent hemm miżmuma 132 kelb.

Seduta 275
11/11/2024

**ANIMAL WELFARE - VOLUNTIERA**

**21148. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm voluntiera mal-Animal Welfare?

04/09/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament hemm 79 voluntiera mal-Animal Welfare.

Seduta 275
11/11/2024

**ANIMAL WELFARE - ILMENTI FUQ MOĦQRIJA**

**21149. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċieva l-Animal Welfare fuq moħqrija minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/09/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2024 sal-25 ta' Ottubru 2024, id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali rċieva 921 ilment dwar moħqrija ta' annimali.

Seduta 275
11/11/2024

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – BINJIET LI M'GĦANDHOMX LIFTS JEW STAIR LIFTS**

**21243. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm blokok tal-akkomodazzjoni soċjali li mhumiex mgħammra b'lifts jew stairlifts u f'liema lokalitajiet jinsabu?

16/09/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba se tkun qiegħda tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**BINJIET TAL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦAL LIFTS**

**21244. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal-lifts fi blokok tal-akkomodazzjoni soċjali?

16/09/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 135 applikazzjonijiet pendenti taħt l-iskema tal-lifts ġo blokki tal-akkomodazzjoni soċjali.

Seduta 275
11/11/2024

**BINJIET TAL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦAL STAIR LIFTS**

**21245. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal stairlifts fi blokok tal-akkomodazzjoni soċjali?

16/09/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tkun qiegħda tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**COMMUNITY WORKING SCHEME**

**21246. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-community working scheme li kienet immexxija mill-General Workers' Union twaqqfitx? Jekk le, jista' jgħid hiex qiegħda tilqa' klijenti ġodda?

16/09/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-implimentazzjoni tal-Community Work Scheme għadha għaddejja. Klijenti ġodda jiġu rreferuti minn Jobsplus skont il-kriterji stabbiliti.

Seduta 275
11/11/2024

**TEMPING AGENCIES REĠISTRATI F'MALTA**

**21247. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn temping agencies reġistrati f'Malta?

16/09/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Onor. Interpellant huwa mitlub iressaq din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**TEMPING AGENCIES – APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI**

**21248. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' temping agency ġiet rifjutata jew għadha fil-proċess għar-reġistrazzjoni?

16/09/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Onor. Interpellant hija mitluba tressaq din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**IFE, FTS U MFHEA – NEFQA FUQ TAĦRIĠ GĦALL-ISTAFF**

**21318. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu fondi f'taħriġ għall-istaff tal-Institute for Education (IFE), il-Foundation for Tomorrow's Schools (FTS) u l-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA) bejn l-2020 u l-2024? Jista' jagħti dettalji fuq it-taħriġ li ngħata?
23/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total tal-ispiża mill-entitajiet imsemmija, matul is-snin msemmija s'issa, kien ta' €68,398.32. Dan l-ammont ġie nvestit f'diversi taħriġ għall-impjegati.
Seduta 275
11/11/2024

**STRATEĠIJA GĦALL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA – FONDI ALLOKATI**

**21319. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jiġu allokati fondi biex titwettaq l-Istrategija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla mħabbra f'Lulju 2024?
23/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija se ssir mill-Awtorita tal-Edukazzjoni u Ogħla ta' Malta.
Seduta 275
11/11/2024

**IFE, FES, FTS U MFHEA – NEFQA FUQ KONSULENZI**

**21320. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus f'konsulenzi u min kienu l-konsulenti tal-Institute for Education (IFE), il-Foundation for Educational Services (FES), il-Foundation for Tomorrow's Schools (FTS) u l-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA) bejn l-2020 u l-2024?

23/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li matul il-perjodu msemmi l-IFE, l-FES u kif ukoll l-MFHEA ma ngaġġawx konsulenti, filwaqt li l-FTS nefqet madwar €42,000 f'konsulenzi.
Seduta 275
11/11/2024

**GĦASES TAL-PULIZIJA - XOGĦLIJIET**

**21625. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema għases tal-Pulizija hemm xogħlijiet għaddejjin fihom? Jista' jgħid x'inhuma dawn ix-xogħlijiet u jipprovdi d-data prospettiva bħala d-data tal-ftuħ ta' dik l-għassa?
08/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li fl-aħħar snin il-Korp tal-Pulizija ħa inizjattivi kbar biex itejjeb l-ambjent fejn jaħdmu l-pulizija, u fejn jintlaqgħu n-nies biex jinqdew mis-servizz tal-istess Korp tal-Pulizija.
Il-proġetti maġġuri jvarjaw minn dawk ta' binjiet ġodda, għal rinovazzjoni ta' binjiet eżistenti u l-ftuħ mill-ġdid ta' binjiet li kienu ilhom magħluqa snin. Dan il-ftuħ mill-ġdid qed isir partikolarment bħala uffiċini tal-pulizija tal-komunità u b'taqsimiet speċjalizzati bħal mhuma l-hubs tal-vjolenza domestika li wieħed diġa' nfetaħ f'Santa Luċija u ieħor se jkun qed jiftaħ fl-Imtarfa. Qatt daqs illum ma l-pulizija kienet viċin il-komunità.
Ma jaqta' xejn ukoll il-programm ta' rinovar fl-għases u proprjetajiet, fejn ninsab infurmat li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet. Infurmat li x-xogħol f'San Ġwann mistenni jkun lest fil-viċin, fir-Rabat mistenni jkun lest ftit xhur oħra, filwaqt li x-xogħol fil-Ħamrun u fl-Imsida mistenni jkun lest fis-sena 2026. Dawn jingħaqdu ma xogħlijiet oħra fosthom it-tieni hub tal-vjolenza domestika fl-Imtarfa, fil-K9 section, tal-garaxx tal-Pulizija u Command and Control room.
Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - IMPJIEG**

**21626. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokument legali li jingaġġa lill-Kummissarju tal-Pulizija preżenti fil-kariga tiegħu, wara l-estensjoni li ngħata mill-Gvern, liema dokument jistabbilixxi r-responsabbiltajiet, is-salarji u ħlasijiet oħra, u l-kundizzjonijiet kollha relatati mar-responsabbiltà tiegħu?

08/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lil Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsijiet parlamentari 20668 u 21730.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - KONSULENTI**

**21627. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti tal-Ministeru tiegħu, filwaqt li jispjega l-irwol, fiex jikkonsistu l-konsulenzi tagħhom u kemm dawn jitħallsu fil-perjodu ta' bejn il-bidu ta' din il-leġiżlatura sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni ser tkun provduta f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**ĊENTRI TA' DETENZJONI - PERSUNI**

**21628. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi l-etajiet u n-nazzjonalità tal-persuni li bħalissa qed jinżammu fiċ-ċentri ta' detenzjoni?

08/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Ottubru ta' din is-sena kien hemm 167 persuna detenuti f'ċentri ta' detenzjoni. In-nazzjonalitajiet huma: Iran, Togo, Colombia, Kosta tal-Avorju, Niger, Eritrea, Guinea, Sierra Leone, Marokk, Indonesia, Mauritius, Somalia, Georgia, Senegal, Benin, Sudan, Libja, Sri Lanka, Mali, Eġittu, Nepal, Indja, Etjopja, Gambja, Niġerja, Ghana, Eġittu, Pakistan, Sirja, Bangladexx. Infurmat li Rigward l-etajiet tal-individwi hemm 14-il persuna bejn it-18 u 21 sena, 40 persuna bejn 21 u 26 sena, 36 persuna bejn 26 u 31 sena, 45 persuna bejn 31 u 41 sena, 20 persuna bejn 41 u 50 sena, 3 persuni bejn 51 u 66 sena. Infurmat ukoll li hemm 9 persuni li qed jgħidu li għandhom taħt it-18-il sena madankollu l-passaport / dokument tal-individwi konċernati u / jew l-Age Assessment Test li sar mill-entitajiet konċernati iddeterminaw li huma adulti. Dawn bħalissa jinsabu fi stadju ta' appell ta' din id-deċiżjoni. Dawn id-9 persuni jinżammu f'żona separata minn persuni oħra, u dan sabiex jiġu protetti huma u persuni li huma verament minuri.

Seduta 275
11/11/2024

**IDENTITÀ – INGAĠĠI**

**21629. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont ta' persuni li ġew ingaġġati minn Identità u/jew preċedentement minn Identity Malta, bejn il-perjodu ta' Jannar 2021 u Settembru 2024, u jaqsam tali ammonti skont is-sena li ġew ingaġġati fiha?

08/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Iterpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| Sena | Ħaddiema ngaġġati | Ħaddiema li spiċċaw |
|---|---|---|
| 2021 | 14 | 41 |
| 2022 | 29 | 35 |
| 2023 | 72 | 40 |
| 2024 | 50 | 53 |

Seduta 275
11/11/2024

**IDENTITÀ - IMPJEGATI**

**21630. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tkeċċiet, irriżenjat jew ġiet trasferita minn, jew b'xi mod telqet mill-impjieg minn Identità u/jew preċedentement minn Identity Malta bejn il-perjodu ta' Jannar 2021 u Settembru 2024, u jaqsam tali ammonti skont is-sena li ġew ingaġġati fiha?

08/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| Sena | Secondment u Riżenji |
|---|---|
| 2021 | 39 |
| 2022 | 48 |
| 2023 | 45 |
| 2024 | 57 |

Seduta 275
11/11/2024

**AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ - IMPJEGATI**

**22042. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati (full-time u part-time separatament) mal-Aġenzija Żgħażagħ fl-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jagħti n-nefqa f'pagi għal dan il-perjodu, maqsuma sena b'sena?

17/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 275
11/11/2024

**AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ - CEO**

**22043. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-pakketti finanzjarji differenti tas-CEO tal-Aġenzija Żgħażagħ matul dawn l-aħħar għaxar snin?

17/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-pakkett finanzjarju tas-CEO tal-Aġenzija msemmijja hu marbut mal-Public Service Salary at Scale 3 kif speċifikat fil-Management Grading and Salary Structure 2019-2021.

Seduta 275
11/11/2024

**IL-FGURA - VJAL KOTTONER - PROĠETT**

**22044. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għall-bidu tar-rikostruzzjoni ta' Vjal Kottoner fil-Fgura u fid-dawl tal-periklu li hemm, kemm għas-sewwieqa kif ukoll dawk li jimxu fejn f'din it-triq fejn l-istess triq dejjem qed tkompli tisfronda iktar ma jgħaddi ż-żmien, jista' l-Ministru jgħid jekk għandux xi data meta dan il-proġett ser jibda?

17/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol infrastrutturali fi Vjal Kottoner hu ppjanat li jibda fil-ġimgħat li ġejjin hekk kif din tifforma parti mill-pjan ta' ħidma miftehma mal-Kunsill Lokali. Dan filwaqt li din it-triq taghmel part mir-rotta tat-tisħieħ tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku.

Seduta 275
11/11/2024

**RAĦAL ĠDID - RAPPORTI TA' RWEJJAĦ**

**22045. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu rapporti ta' rwejjaħ li qed ikun hemm f'Raħal Ġdid għand l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) matul l-aħħar 12-il xahar u x'passi ttieħdu fuq dawn l-ilmenti?

17/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22245.

Seduta 275
11/11/2024

**STUDENTI B'LEARNING DISABILITIES**

**22046. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19147, jista' l-Ministru jgħid kemm studenti b'learning disabilities komplew għal MCAST, Università jew istituzzjoni edukattiva oħra u jaqsam din l-informazzioni sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

17/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif diġa ġie mtenni fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19146, tali nformazzjoni hi ta' natura sensittiva u għalhekk mhux ser tiġi ppublikata.

Seduta 275
11/11/2024

**STUDENTI B'LEARNING DISABILITIES**

**22047. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19146, jista' l-Ministru jgħid kemm studenti b'learning disabilities lestew l-iskola sekondarja u komplew għal post-secondary u jaqsam din l-informazzioni sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

17/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif diġa ġie mtenni fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19146, tali nformazzjoni hi ta' natura sensittiva u għalhekk mhux ser tiġi ppublikata.

Seduta 275
11/11/2024

**DIRETTORAT TAL-PROTOKOL - AJRUPLANI MILITARI/STATALI - TALBIET**

**22077. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jgħid kemm-il-talba rċieva d-Direttorat tal-Protokol sabiex ajruplani militari jew statali jinżlu f'pajjiżna matul is-sena 2023? Jista' jgħid ukoll kemm-il darba saret talba sabiex jidħlu fl-ispazju tal-ajru tagħna fl-istess sena?

18/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22075.
Seduta 275
11/11/2024

**DIRETTORAT TAL-PROTOKOL - AJRUPLANI MILITARI/STATALI - TALBIET**

**22078. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jgħid kemm-il-talba rċieva d-Direttorat tal-Protokol sabiex ajruplani militari jew statali jinżlu f'pajjiżna matul is-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm-il darba saret talba sabiex jidħlu fl-ispazju tal-ajru tagħna fl-istess perjodu?

18/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22075.
Seduta 275
11/11/2024

**DIRETTORAT TAL-PROTOKOL - BASTIMENTI MILITARI - TALBIET**

**22079. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jgħid kemm-il-talba rċieva d-Direttorat tal-Protokol sabiex bastimenti militari jew statali jidħlu fil-portijiet ta' pajjiżna matul is-sena 2021?

18/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni sa mill-2004, hi kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:
Permessi Diplomatiċi – Bastimenti Militari jew Statali

| **Sena** | **Total** |
|---|---|
| 2004 | 73 |
| 2005 | 60 |
| 2006 | 67 |
| 2007 | 53 |
| 2008 | 59 |
| 2009 | 47 |
| 2010 | 37 |
| 2011 | 119 |
| 2012 | 45 |
| 2013 | 73 |
| 2014 | 58 |
| 2015 | 92 |
| 2016 | 133 |
| 2017 | 99 |
| 2018 | 67 |
| 2019 | 53 |
| 2020 | 26 |
| 2021 | 15 |
| 2022 | 47 |
| 2023 | 64 |
| 2024 (sal-aħħar ta' Ottubru) | 45 |

Seduta 275
11/11/2024

**DIRETTORAT TAL-PROTOKOL - BASTIMENTI MILITARI - TALBIET**

**22080. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jgħid kemm-il-talba rċieva d-Direttorat tal-Protokol sabiex bastimenti militari jew statali jidħlu fil-portijiet ta' pajjiżna matul is-sena 2022?

18/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22079.

Seduta 275
11/11/2024

**DIRETTORAT TAL-PROTOKOL - BASTIMENTI MILITARI - TALBIET**

**22081. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jgħid kemm-il-talba rċieva d-Direttorat tal-Protokol sabiex bastimenti militari jew statali jidħlu fil-portijiet ta' pajjiżna matul is-sena 2023?

18/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22079.

Seduta 275
11/11/2024

**DIRETTORAT TAL-PROTOKOL - BASTIMENTI MILITARI - TALBIET**

**22082. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jgħid kemm-il-talba rċieva d-Direttorat tal-Protokol sabiex bastimenti militari jew statali jidħlu fil-portijiet ta' pajjiżna matul is-sena 2024 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22079.

Seduta 275
11/11/2024

**VETTURI LI JĠORRU MERKANZIJA TQILA - FUEL NADIF**

**22198. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-ħidma li saret mas-settur privat fuq il-mudell għas-settur tal-loġistika biex ikun hemm użu akbar ta' vetturi li jġorru merkanzija tqila li jaħdmu bl-elettriku jew bi fuel nadif bħall-idroġenu? Tista' tagħti dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan u tqassam in-nefqa għas-snin 2022, 2023 u 2024?

22/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**PORT IL-KBIR - SHORE-TO-SHIP**

**22199. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma r-riżultati tal-proġett shore-to-ship fil-Port il-Kbir u jekk verament wassalx għal tnaqqis ta' 90% tat-tniġġis minn vapuri, u kemm tnaqqsu emissjonjiet kemm ilu li ġie inawgurat? Tista' tgħid ukoll x'inhu l-progress fuq il-proġett shore-to-ship fiż-żona tal-Freeport? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti u dwar it-tqassim tan-nefqa għas-snin 2022, 2023 u 2024?

22/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**PROGRAMMI TA' INVESTIMENT U TAX CREDITS - INĊENTIVI**

**22200. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-inċentivi u programmi ta' investiment u tax credits, u jekk verament attirawx start-ups innovattivi fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, id-dikarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli lejn pajjiżna u kemm? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva?

22/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**GĦOTJIET GĦAR-RINNOVAZZJONI TAL-BINI KUMMERĊJALI FAVUR IL-KLIMA**

**22201. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-programm ta' għotjiet għar-rinnovazzjoni tal-bini kummerċjali favur il-klima ġiex implimentat fl-2024? X'inhuma r-riżultati u l-impatt ta' dawn ir-rinnovazzjonijiet? Tista' tipprovdi rendikont tal-ispejjeż għall-2024, inkluż l-ispejjeż tal-PR?

22/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**GĦAWDEX - ŻVILUPP URBAN SOSTENIBBLI - INIZJATTIVI**

**22202. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-inizjattivi għall-iżvilupp urban sostenibbli f'Għawdex inbdewx jew le? X'riżultati nkisbu u kemm infaqna fuq dan il-proġett fl-2024, inkluż il-PR?

22/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**AWTORITÀ GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA - RENDIKONT TA' SPEJJEŻ**

**22203. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti rendikont ta' spejjeż relatati mal-Awtorità għall-Azzjoni Klimatika, inkluż in-nefqa fuq l-attività tat-tnedija, PR, membri tal-bord u l-kunsill u l-pagi tagħhom?

22/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 275
11/11/2024

**IX-XEWKIJA, TRIQ TA' ĠOKK - PLAYING FIELD**

**22444. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema xahar u sena huwa ppjanat li l-playing field ġewwa Triq ta' Ġokk fix-Xewkija, Għawdex li taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kunsill Lokali, hux ser tiġi rranġata u meta ser issir il-manutenzjoni meħtieġa peress li din il-playing field u open space jinsabu fi stat ħażin għal min jiffrekwentahom? Jista' jgħid jekk hemmx ħsieb jew possibiltà li dan l-ispazju jitkabbar? Jista' jgħid ukoll jekk tħejjewx is-sejħiet għal offerti u jekk ġewx ippubblikati?

28/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija li ser jerġgħu jiġu evalwati l-pjanijiet li kien hemm għall-imsemmi proġett mill-Kunsill preċedenti. F'dan l-istadju għadhom ma ttiħdux id-deċiżjonijiet relatati.

Seduta 275
11/11/2024

**FRAMEWORK CONTRACT FOR THE COLLECTION AND TRANSPORTATION OF FRUIT AND VEGETABLES FROM GOZO TO PITKALIJA, MALTA FOR THE MALTA FOOD AGENCY**

**22445. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti s-sejħa SPD8/2024/107 - Framework Contract For The Collection And Transportation Of Fruit And Vegetables From Gozo To Pitkalija, Malta For The Malta Food Agency u minn fejn ħa jiġi offrut dan is-servizz ġewwa Għawdex? Jista' jgħid ukoll min f'dawn l-aħħar ġranet u xhur kien qed joffri dan is-servizz u minn fejn kien qed jiġi offrut dan is-servizz ġewwa Għawdex u kemm kien ilu jiġi offrut dan is-servizz u għaliex issa nħasset il-ħtieġa li toħroġ is-sejħa?

28/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Malta Food Agency nediet servizz ta' transport b'xejn tal-frott u l-ħaxix minn Għawdex għall-Pitkalija Malta. Dan is-servizz inbeda b'sejħa għall-kwotazzjonijiet liema informazjoni ġiet ppubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern skont il-Public Procurement Regulations. Ninsab infurmat li f'dan il-perjodu l-MFA ħejjiet u ħarġet tender għal dan is-servizz fuq perjodu ta' sentejn. Infurmat ukoll li dan it-tender qiegħed fl-aħħar fażi tal-evalwazzjoni.

Seduta 275
11/11/2024

**TA' ĊENĊ - ŻEWĠ ĠIBJUNI PRINĊIPALI TAL-WSC - XOGĦLIJIET**

**22446. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li nbdew iktar minn sena ilu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fit-triq li twassal għall-ġibjuni tal-WSC ġewwa Ta' Ċenċ, Għawdex biex jintegra ż-żewġ ġibjuni prinċipali tal-WSC ġewwa Ta' Ċenċ, Għawdex, tista' l-Ministru tgħid għaliex f'dawn l-aħħar ġranet ix-xogħol reġa' waqaf kompletament? Tista' tgħid ukoll għaliex għaddew aktar minn sena minn meta nbdew ix-xogħlijiet b'rabta ma' dan il-proġett u x-xogħlijiet għadhom ma tlestewx? Tista' tagħti time frames ta' meta ħa jitlestew kollha dawn ix-xogħlijiet inkluż ix-xogħol tal-asfalt?

28/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li mhux il-każ li x-xogħlijiet li qed issir referenza għalihom huma weqfin, imma bħalissa għaddej il-proċess ta' pressure testing, xogħol li ma jidhirx. Ta' min jenfasizza li dan il-proġett, li huwa ta' natura daqstant sensittiva u importanti għax jinvolvi s-sistema tal-ilma tax-xorb t'Għawdex kollu, qed isir b'reqqa u b'galbu kbir u għalhekk il-proċess jeħtieġ li jieħu l-ħin tiegħu. Minħabba l-fatt li hemm xogħlijiet oħrajn ippjanati li jsiru fl-istess żona qed issir il-kordinazzjoni meħtieġa biex il-kisi tat-triq jingħata wara li dawn ix-xogħlijiet jitlestew.

Seduta 275
11/11/2024

**IX-XEWKIJA - TRIQ IT-TABIB ANTON TABONE - BOZOZ PUBBLIĊI**

**22447. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitranġaw il-bozoz pubbliċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone, magħruf bħala l-Qasam, il-parti li tagħmel mal-Kunsill tax-Xewkija, fid-dawl li dawn ilhom mitfija għal diversi ġimgħat u hemm periklu kbir kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-persuni li jużaw din l-imsemmija triq?

28/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija li l-kuntrattur inkarigat qed jistenna li jaslulu xi *parts* biex ikunu jistgħu isiru t-tiswijiet fuq il-bozoz li hemm irrappurtati bil-ħsara madwar ix-Xewkija fosthom tat-Triq it-Tabib Anton Tabone.

Seduta 275
11/11/2024

**CARERS BARRANIN - KORS TA' TAĦRIĠ FIL-LINGWA MALTIJA**

**22480. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jikkonferma li kull carer barrani li qed jiġi ingaġġat biex jaħdem fil-qasam tal-anzjani, qed ikollu joqgħod għal kors ta' taħriġ fil-lingwa Maltija?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li l-carers barranin impjegati tal-kuntrattur li jaħdmu fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed jagħmlu l-kors ta' taħriġ fil-lingwa Maltija jew qegħdin fil-proċess li jagħmluh.
Ġewwa San Vinċenz de Paul f'kollaborazzjoni mal-Universitá ta' Malta, qed tiġi offruta l-possibilitá sabiex impjegati barranin fil-qasam tas-saħħa (infermieri kif ukoll carers) jiġu mħarrġa fil-lingwa Maltija fl-aspett Mediku ġewwa San Vinċenz de Paul. Matul is-sena 2024, lestew dan il-kors b'suċċess (53) tlieta u ħamsin impjegat.
Finalment, l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani tivverifika li l-istaff li jaħdem fid-djar tal-anzjani u ma jitkellimx bil-lingwa Maltija qed jiġi mħarreġ fil-lingwa Maltija għas-settur.

Seduta 275
11/11/2024

**REĠJUN TRAMUNTANA - ĊENTRU GĦAL PERSUNI BID-DIMENSJA**

**22481. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex identifikat il-post għal Ċentru għal Persuni bid-Dimensja fir-reġjun tal-port tat-Tramuntana? Jekk iva, jista' jgħid f'liema lokalità ser ikun qed isir u meta ser ikun qed jopera?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li qed jitwettqu l-proċessi meħtieġa biex jiġi identifikat l-aħjar post għal dan iċ-ċentru, fir-reġjun tal-port tat-Tramuntana.

Seduta 275
11/11/2024

**DJAR TAL-ANZJANI - KUNTRATTI TA' XIRI TA' SODOD**

**22488. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22255 u ċjoé: Wara li l-Information and Data Protection Appeals Tribunal ordnat lill-Ministeru u l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, sabiex jagħmlu aċċessibbli l-kuntratti kollha li l-Ministeru għandu mad-djar tal-anzjani fuq xiri ta' sodod, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn il-kuntratti kollha?

29/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**REGOLAMENT (UE) 2024/1309 - IMPLIMENTAZZJONI**

**22537. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19272, jista' l-Ministru jgħid x'kien l-eżitu tal-konsultazzjonijiet li għalihom għamel referenza, u xi progress sar fit-twettiq tal-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) 2024/1309?

30/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-konsultazzjonijiet li diġa saru hu evidenti li ser ikun hemm bzonn ta' tibdil kemm leġislativ kif ukoll amministrattiv. Bħal issa qed jiġi analizat kif l-aħjar issir dan il-proċess, sabiex jiġi stabbilit pjan ta' xogħol li jkun jista' jwassalna għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti ta' dan ir-Regolament qabel it-terminu ta' Novembru tas-sena dieħla.

Seduta 275
11/11/2024

**MCCAA - AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KOMPETIZZJONI)**

**22538. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min kienet il-persuna li ġiet appuntata biex taġixxi ta' Aġent Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) sa kemm tintgħażel persuna bħala Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)?

30/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li d-Direttur li jmexxi d-Direttorat dwar is-Swieq tal-Komunikazzjoni, Enerġija, Trasport u Servizzi Finanzjarji, li jiffoka fuq tħassib dwar il-kompetizzjoni, ksur ta' liġi, u konċentrazzjonijiet fi swieq regolati, kif ukoll, id-Direttur li jmexxi d-Direttorat dwar is-Swieq Primarji, Industrijali u bl-Imnut, li jiffoka fuq prattiċi ristrettivi u konċentrazzjonijiet f'setturi oħra tal-ekonomija, ġew delegati l-poteri neċessarji sabiex ikunu jistgħu jaġixxu ta' Aġent Direttur Ġenerali in kwantu ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilitajiet rispettivi tagħhom skont il-liġi. Dan stante l-fatt, li skont ir-Regolament dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, deċiżjonijiet fuq konċentrazzjonijiet ikunu jridu jittieħdu fit-termini stipulati, u fin-nuqqas, konċentrazzjonijiet jitqiesu leġittimi b'mod awtomatiku. Mill-banda l-oħra, ma ġie appuntat l-ebda Aġent Direttur Ġenerali sabiex jassumi l-poteri kollha tad-Direttur Ġenerali - dawn se jkun qed jassumihom il-persuna appuntata bħala Direttur Ġenerali għal terminu ta' tlett snin skont il-liġi.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22563. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Mejju 2023?

31/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22365.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22564. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Mejju 2023?

31/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W91.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22565. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Mejju 2023?

31/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22367.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22566. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Mejju 2023?

31/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22527.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22567. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Mejju 2023?

31/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W94.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22568. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Mejju 2023?

31/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għal mistoqsija parlamentari 22529.

Seduta 275
11/11/2024

**JOBSPLUS - DEFINIZZJONI TA' ASSISTENT PERSONALI**

**22591. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14514, tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi kien hemm dwar id-definizzjoni ta' 'Assistent Personali' ma' Jobsplus?

01/11/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li r-riforma tal-Assistenza Personali tinkludi fiha l-iżvilupp ta' Att legali li fost affarijiet oħrajn ser ikun fih it-tifsira ta' Assistent Personali. Dan l-istess Att ser ikun maħruġ għal-konsultazzjoni pubblika iżjed 'il quddiem.

Seduta 275
11/11/2024

**SPTAR MATER DEI - SERVIZZ TA' PGTM**

**22592. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm sabiex is-servizz ta' PGTM (Pre-Implantation Genetic Testing for Monogenic Diseases) jibda jsir fl-Isptar Mater Dei?

01/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22386.

Seduta 275
11/11/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - PROVVISTA TAL-ELETTRIKU U XOGĦLIJIET GĦAL UPGRADE TAS-SISTEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAD-DAWL**

**22594. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 15660 u 21793, tista' l-Ministru tgħid f'liema toroq f'San Pawl il-Baħar, il-Korporazzjoni Enemalta għandha l-pjan li tagħmel xogħlijiet relatati mal-provvista tal-elettriku inkluż upgrades tas-sistema tad-distribuzzjoni tad-dawl?

01/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħala parti mit-tieni fażi ta' rinfurzar tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku, fejn fl-ewwel fażi tpoġġew aktar minn 82 kilometru ta' cables ġodda, se jkompli jsir tisħiħ tal-provvista kemm fuq livell ta' vultaġġ medju kif ukoll baxx. Enemalta, b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta u Transport Malta, se tkun qed tpoġġi 60 kilometru ieħor ta' cables ġodda taħt l-art f'diversi lokalitajiet inkluż San Pawl l-Baħar. Għaldaqstant, se jkun hemm toroq f'din il-lokalità li fihom, minn żmien għal żmien, se jkunu qegħdin isiru dawn ix-xogħlijiet skont il-permessi maħruġa minn Transport Malta.

Seduta 275
11/11/2024

**BOY SCOUT GROUPS**

**22595. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru telenka s-siti kollha fejn jiltaqgħu l-Boy Scout Groups f'kull lokalità? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha ta' dawn is-siti?

01/11/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**GIRL GUIDES GROUPS**

**22596. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru telenka s-siti kollha fejn jiltaqgħu l-Girl Guides Groups f'kull lokalità? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha ta' dawn is-siti?

01/11/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**BOY SCOUT GROUPS LI M'GĦANDHOMX SIT FEJN JILTAQGĦU**

**22597. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru telenka liema Boy Scout Groups m'għandhomx sit fejn jiltaqgħu? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li jsir xi ftehim ma' dawn il-gruppi biex jinstabilhom post fejn jiltaqgħu u jaħżnu l-equipment tagħhom?

01/11/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi ġejt infurmata li l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (OCVO) m'għandux tali informazzjoni. Din hija informazzjoni li tista' tintalab mill-għaqdiet rispettivi.

Seduta 275
11/11/2024

**DIŻABBILITAJIET U KUNDIZZJONIJIET - ASSISTENZA**

**22603. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'assistenza ser ikunu qegħdin igawdu minnha dawk li minkejja li ma jkollhomx diżabbiltà msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, għandhom diżabilitajiet moħbija u problemi serji ta' funzjonalità bħal kundizzjonijiet tal-Fibromyalgia, l-ME u Awtiżmu? Jista' jgħid ukoll għal kemm jammonta dan il-benefiċċju u jekk kull min jinstab li għandu waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, jistax jibbenefika minn dan il-benefiċċju, inkluż dawk li ma jaħdmux?

01/11/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li permezz ta' miżura tal-Budget għas-sena 2024, ġie emendat l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318), prinċiparjament l-Artikolu 106 (g) li permezz tiegħu ġie kompost bord interprofessjonali sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet għall-Assistenza għal Diżabilità u l-Assitenza għal Diżabilità Severa.

Il-bord interprofessjonali jevalwa tali applikazzjonijiet bbażata fuq il-mudell tal-World Health Organisation International Classification of Functioning, Disability, and Health (ICF). L-ammont ta' beenfiċċju tal-Assitenza għal Diżabilita għas-sena 2024 huwa ta' Euro 99.13 fil-ġimgħa u l-ammont imħallas f'Assistenza għal Diżabilità Severa għas-sena 2024 huwa ta' Euro 124.66 fil-ġimgħa. Fir-rigward tal-mistoqsija jekk dan il-benefiċċju jitħallasx lil dawk li ma jaħdmux, tajjeb wieħed jinnota illi l-intitolament ġie estiż anke għal dawk li jaħdmu, b'effett mis-sena 2015.
Seduta 275
11/11/2024

**ĠBIR TAL-ISKART – KONTRAVENZJONIJIET MAĦRUĠA**

**22604. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet għal kontravenzjonijiet mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) relatati mal-ambjent, inluż ksur tar-regolamenti tal-immaniġġjar/ġbir tal-iskart għas-snin 2020, 2021, 2022 u 2023, u taqsam dan it-tagħrif, lokalità lokalità, separatament għal kull sena?

01/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.
Seduta 275
11/11/2024

**ĠBIR TAL-ISKART – KONTRAVENZJONIJIET MAĦRUĠA**

**22605. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet għal kontravenzjonijiet mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) relatati mal-ambjent, inkluż ksur tar-regolamenti tal-immaniġġjar/ġbir tal-iskart sal-aħħar ta' Ottubru 2024, u taqsam dan it-tagħrif, lokalità lokalità, separatament għal kull sena?

01/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22604.
Seduta 275
11/11/2024

**VARIABLE MESSAGING SIGNS - NEFQA**

**22614. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm swew il-Variable Messaging Signs li ġew installati fl-aħħar snin f'diversi toroq arterjali u distributorji, inkluż il-Marsa, Santa Venera u x-Xatt ta' Tas-Sliema?

04/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.
Seduta 275
11/11/2024

**VARIABLE MESSAGING SIGNS LI MA JAĦDMUX**

**22615. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Variable Messaging Signs li ma jaħdmux? Għal kull każ, jista' jgħid kemm ilu ma jaħdem u għalfejn?

04/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**POYC – MEDIĊINI FID-DJAR**

**22616. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk persuni li jikkwalifkaw għal mediċini tal-POYC u li ma jkunux jistgħu jiġbru l-mediċini tagħhom, jistgħu jħallsu miżata sabiex dawn il-mediċini jittieħdulhom id-dar? Jista' jgħid jekk dan is-servizz għadux offrut, fid-dawl li dan l-aħħar il-Ministeru tas-Saħħa bagħat ittra li tinforma lil dawn il-persuni, li dan mhux ser jibqa' jsir?

04/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16676.

Seduta 275
11/11/2024

**SERVIZZ 1717**

**22617. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jekk individwu jsib kelb fit-triq u jċempel 1717, imma meta jmorru l-uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jinstab li l-kelb m'għandux microchip u mhuwiex midrub, jista' l-Ministru jgħid;

i. jekk id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jiġborx il-kelb;

ii. jekk le, jekk l-istess uffiċjali jiċċekkjawx jekk hemmx santwarju li jista' jilqa' l-kelb;

iii. jekk iva, il-kelb irid jinġabar mis-santwarju stess jew id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jorganizza biex jitwassal fis-santwarju, u

iv. jekk hemmx xi parti minn din il-proċedura li għaliha l-uffiċjali jridu jitolbu permess mis-superjuri tagħhom?

04/11/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali joffri servizz ta' ambulanza u ma hijiex prassi tad-Direttorat li jinġabru annimali b'saħħithom sakemm dawn ma jkunux identifikati elettronikament u rreġistrati fuq sid jew inkella involuti f'operazzjoni ta' salvataġġ.

Seduta 275
11/11/2024

**TAS-SLIEMA – SKEMA TA' RESIDENTIAL PARKING**

**22618. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl li l-Kunsill ta' Tas-Sliema kien għamel applikazzjoni biex jiddaħħal residential parking għar-residenti li joqogħdu f'Tas-Sliema u din l-applikazzjoni ġiet imwaqqfa fl-2013 mill-Ministru għat-Trasport ta' dak iż-żmien, u peress li sar kważi impossibbli li dawn jipparkjaw il-vetturi tagħhom, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li din l-iskema tkun imdaħħla meta f'lokalitajiet oħra, bħal Belt Valletta hemm din l-iskema?

04/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru tiegħi jikkunsidra kull proposta ta' residential parking scheme mitluba mill-kunsill lokali rispettiv ġaladarba l-kunsill lokali jipprovdi alternattivi sabiex l-aċċessibilità, inkluż l-parkeġġ jibqa provdut.

Seduta 275
11/11/2024

**ART LI HI PROPRJETÀ TAL-GVERN LIBJAN - FTEHIM**

**22619. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim li bih il-Gvern Malti kien għadda l-art/skola (ex Teacher Training Centre) ġewwa Ta' Ġiorni, f'San Ġiljan lill-Gvern Libjan?

04/11/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IKEL U TAKE AWAYS - INFIQ**

**22621. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 20517, 20763, 21226 u 22250 u jgħid kemm intefqu flus fuq ikel u fuq take-aways mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn Jannar 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/11/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 275
11/11/2024

**ENEMALTA - KIRI TA' TOWER CRANES**

**22624. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm tikri tower cranes l-Enemalta, mingħand min tikrihom u kemm hu l-prezz li bih jinkera kull tower crane kull ġurnata? Tista' tgħid ukoll għal kemm huwa l-perjodu tal-kuntratt u meta jiskadi?

05/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li Enemalta m'għandhiex tower cranes mikrijin.

Seduta 275
11/11/2024

**ENEMALTA - CUSTOMER CARE**

**22625. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min jipprovdi s-servizz ta' customer care għall-Enemalta? Tista' tgħid ukoll kemm jiswa s-servizz għal kull jum, għal kull xahar u għal kull sena, kif ingħata u meta jiskadi l-kuntratt eżistenti?

05/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.
Seduta 275
11/11/2024

**ARMS LTD - CUSTOMER CARE**

**22626. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min jipprovdi s-servizz ta' customer care għall-Arms Ltd? Tista' tgħid ukoll kemm jiswa s-servizz għal kull jum, għal kull xahar u għal kull sena, kif ingħata u meta jiskadi l-kuntratt eżistenti?

05/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**TRANSITIONAL ALLOWANCE - REKWIŻITI**

**22627. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22130 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u li issa ġiet referuta lilu u jgħid x'inhuma r-rekwiżiti biex Ministru jieħu transitional allowance ta' sena salarju meta jispiċċa mill-kariga tiegħu?

05/11/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li t-transitional allowance tiddependi miż-żmien li Ministru jkun dam fil-kariga u sakemm (i) ma jkunx ibbenefika minn terminal benefit, (ii) ġie impjegat mal-Gvern, aġenziji, entitajiet jew kumpaniji tiegħu, jew (iii) ġie nnominat mill-Gvern għal kariga f'waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Seduta 275
11/11/2024

**ĠEBLA STORIKA (STONE MARKER)**

**22628. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22129, jista' l-Ministru jgħid fejn jinsab ir-repositorju tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali li fih tinsab il-ġebla storika li ġiet ritornata lura mill-individwu msemmi fl-istess mistoqsija?

05/11/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li r-repożitorju tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali jinstab f'parti mill-binja ta "St. Clement Casement" Cottonera Bastions, Cospicua.

Seduta 275
11/11/2024

**L-IMDINA - ĠNIEN ĠUŻè HOWARD - SCREEN - SPIŻA**

**22629. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22125, jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-ispiża involuta biex ġie installat l-iscreen fi Ġnien Ġużè Howard, fl-Imdina?

05/11/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Intepellant li dan l-iscreen kien parti minn proġett ikbar. L-iscreen u l-installazzjoni swew madwar €5,468.

Seduta 275
11/11/2024

**SĦUBIJA FL-UNJONI EWROPEA - RENDIKONT ANNWALI TA' KEMM MALTA ĦALLSET FLUS**

**22637. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22539, li oriġinarjament saret lill-Prim Ministru u li issa ġiet referuta lilu u jagħti rendikont annwali ta' kemm Malta ħallset flus lill-Unjoni Ewropea mid-data tas-sħubija sas-sena 2024?

05/11/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 275
11/11/2024

**SERVIZZ TA' CHILDCARE**

**22638. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont annwali ta' kemm-il pajjiż investa u qed jinvesti fis-servizz ta' childcare b'xejn?

05/11/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**SERVIZZ TA' CHILDCARE – TFAL LI JATTENDU**

**22639. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22543 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isports, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innoazzjoni u li issa ġiet riferuta lilu u jipprovdi skeda li turi n-numru ta' tfal li annwalment attendew iċ-childcare b'xejn mill-bidu tas-servizz sas-sena 2023?

05/11/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - NEFQA GĦAL OVERTIME TAS-SECURITIES**

**22640. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 21014 u 21927, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa tal-overtime msemmi għal kull uffiċjal tas-sigurtà individwalment, mingħajr ma jiżvela l-ismijiet tal-uffiċjali?

05/11/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 275
11/11/2024

**GRAWNDS TAL-FUTBOL**

**22641. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 21353, 21997 u 22524 u jgħid fiex wasal l-agreement li kien ippreżentat u ffirmat biex il-klabbs li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament ikollhom grawnd tagħhom wara li nbena wieħed ġdid għall-klabb li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

05/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li saru l-pjanti u l-kunċett ta’ kif għandu jiġi dan il-proġett qegħdin fil-fażi fejn il-ministeru qiegħed jistenna riskontru mill-klabb tal-futbol ikkonċernat sabiex tiġi stabbilita l-aħjar triq 'il quddiem.

Seduta 275
11/11/2024

**SPTAR MATER DEI - ĦADDIEMA TAL-G4S - PARKEĠĠ**

**22642. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22573, jista’ l-Ministru jgħid x’hemm fil-kuntratt imsemmi bejn l-Isptar Mater Dei u l-kumpanija G4S fir-rigward ta’ ħlas ta’ parkeġġ mill-ħaddiema?

05/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġa weġibt għall-mistoqsija paralmentari 22573, l-Isptar Mater Dei jonora l-kuntratt li hemm mal-kumpanija G4S. Ninsab infurmat li l-Management tal-Isptar ma jidħolx fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-G4S u l-ħaddiema tal-kumpanija sakemm ma jkunx hemm ksur tal-istess kuntratt.

Seduta 275
11/11/2024

**PAGAMENTI**

**22823. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti d-dati preċiżi ta' meta saru l-pagamenti lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u jipprovdi kull invoice preżentata in konnessjoni ma' dawn il-pagamenti?

05/11/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 275
11/11/2024

**PAGAMENTI**

**22824. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti d-dati preċiżi ta' meta saru l-pagamenti lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u jipprovdi kull invoice preżentata in konnessjoni ma' dawn il-pagamenti?

05/11/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont ta' invoices u l-perjodi relattivi li matulhom jkun sar is-servizz / xogħol bl-approvazzjoni tal-Qorti. Inkwantu għal kopji tal-invoices, ninforma lill-Onorevoli Interpellant li dawn ma jistgħux jiġu provduti stante li jistgħu jinkludu dettalji ta' inkjesti jew proċeduri kriminali oħrajn.

Seduta 275
11/11/2024

**THE STRAND, TAS-SLIEMA - PARKEĠĠ RISERVAT GĦAL COACHES U MINIVANS**

**22825. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk qattx saret analiżi tal-użu tal-parkeġġ riservat għal coaches u minivans (alighting and boarding) li hemm tul The Strand, Tas-Sliema biex wieħed jara li dan hux qed ikun utilizzat bl-aħjar mod? Peress li għal tul ta' ħin parti mill-parkeġġ ma jkunx hemm bżonn li jintuża, jista' jgħid x'inhi r-raġuni għalfejn dan il-parkeġġ qed ikun riservat għal dan it-tul ta' ħin ?

05/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-parkeġġ riservat għall-coaches u minivans (alighting and boarding) li hemm f'The Strand Sliema huwa rregolat permezz ta' tabelli li jindikaw ix-xhur, il-ġranet kif ukoll il-ħin li dan il-parkeġġ huwa riservat għal dawn il-coaches u minivans. Dawn l-alighting and boarding bases qegħdin iservu sabiex ikunu jistgħu jitgħabbew u jitniżżlu dawk il-passiġġieri li jkollhom tours ibbukkjati mal-operaturi tal-laneċ.

Seduta 275
11/11/2024

**IL-MOSTA - ŻONA TAD-DIB**

**22826. L-ONOR. ALEX MUSCAT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Fid-dawl li numru ta' residenti fiż-Żona tad-Dib fil-Mosta li sal-lum għadhom m'għamlux il-kuntratti ta' fidi taċ-ċens, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx żviluppi fuq din il-kwistjoni li ilha għaddejja s-snin?

05/11/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li wara li ġew konklużi proċeduri fil-Qorti dwar l-art fiż-żona msemmija, imiss li jsir l-akkwist tal-art min-naħa tal-Gvern sabiex tgħaddi għand l-Awtorita tad-Djar.

Seduta 275
11/11/2024

**IL-MOSTA - ŻONA TAD-DIB**

**22827. L-ONOR. ALEX MUSCAT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni ta' meta r-residenti fiż-Żona tad-Dib fil-Mosta se jkunu jistgħu jsiru sidien tad-djar tagħhom?

05/11/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22826.

Seduta 275
11/11/2024

**TRANSGENDER SERVICES - FONDI MNAQQSA**

**22838. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22578 u jgħid fuq liema kuntest naqsu bin-nofs il-fondi għal transgender services mill-Baġit 2024 għal Baġit 2025?

06/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024

**BCRS - VAWĊERS LI MA ĠEWX MSARRFA U KONTENITURI LI MA ĠEWX RITORNATI**

**22839. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22581 u tagħti ċ-ċifra ta' flus li baqgħu għand il-kumpanija BCRS minn vawċers li ma ġewx imsarrfa u kontenituri li ma ġewx ritornati mill-bidu tal-iskema sal-lum u fejn dawn il-flus ġew ri-investiti?

06/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li, fil-perjodu minn meta bdiet l-iskema sal-aħħar ta' Settembru 2024, il-valur tal-vawċers li baqgħu ma ssarfux, wara li skadiet sena mid-data meta nħarġu, ammonta għal €345,216. Id-dħul mill-kontenituri mhux ritornati jiġi stabbilit ladarba s-sena finanzjarja tiġi pubblikata. Dawn il-flus ġew investiti fix-xiri ta' aktar makkinarju, biex jittejjeb l-operat u spejjeż relatati mal-impjant ta' Ħal Far, kif ukoll investimenti oħrajn meħtieġa skont kif permess mil-leġiżlazzjoni sussidjarja 549.134.

Seduta 275
11/11/2024

**SPTAR MATER DEI - KURA TAS-SAĦĦA MENTALI AKUTA U KRONIKA**

**22840. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22579 u jgħid għaliex fid-diskorsi qabel il-baġit issemma ward/wards għal kura tas-saħħa mentali akuta u kronika fl-Isptar Mater Dei u fil-baġit issemma biss kura psikjatrika akuta f'Mater Dei?

06/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Unit tas-Saħħa Mentali ġo Mater Dei se tkun tilqa fiha persuni li jsofru min kundizzjonijiet psikjatriċi li jkunu ppreżentaw b'mod akut. Skond il-prassi tal-kura psikjatrika moderna, iż-żmien li dawn il-pazjenti idumu l-isptar għandu jkun l-iqsar żmien possibli, bil-kumplament tal-kura tingħata fil-komunitá.

Seduta 275
11/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAULE - WARD KRISTU RE - WALL MOUNTED OXYGEN**

**22848. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19126 fejn il-Ministru informa li l-ħames wards li hemm fil-Blokka Kristu Re fil-Faċilità San Vincenz De Paule huma mgħammra b'wall mounted oxygen points, jista' l-Ministru jgħid jekk sal-lum dawn il-wall mounted oxygen points humiex jaħdmu jew jintużaw?

06/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li l-ħames swali msemmija hawn fuq huma mgħammra b'ossiġnu mmuntat mal-ħajt. Bħalissa qed nagħmlu xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq is-sistema tal-ossiġnu f'dawn is-swali kollha. Dan il-proċess jinvolvi l-għeluq tal-pajpijiet tal-ossiġnu mediku sakemm jitlesta dan ix-xogħol.

Seduta 275
11/11/2024

**CANDESARTAN CILEXETIL**

**22849. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċina għall-pressjoni għolja Candesartan Cilexetil hijiex ideali għall-pazjenti peress li din ġġiegħel lil ċerti pazjenti jħossuhom ma jifilħux? Jista' jgħid ukoll għaliex dawn il-pazjenti ntalbu jmorru jixtru l-mediċina huma għax dak li kienu qed jieħdu huma, hija out-of-stock?

06/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-mediċina Candesartan tinxtara skont speċifikazzjoni klinika. Hemm żewġ dożi. Doża minnhom hija disponibli u d-doża l-oħra għanda tasal illum.
Għar-rigward jekk il-mediċina hijiex ideali għal pazjent jew le, hija f'idejn il-konsulent rispettiv tal-pazjent li jaċċerta l-aħjar mediċina għall-pazjent.

Seduta 275
11/11/2024

**MEDIĊINA USTEKINUMAB MAGĦRUFA BĦALA STELLARA**

**22850. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16308 fejn il-Ministru wieġeb li l-mediċina Stellara ġiet approvata biex tidħol fil-formularju skont protokoll, jista' l-Ministru jgħid jekk din il-mediċina hijiex għad-dispożizzjoni ta' dawk il-pazjenti li għandhom bżonnha?

06/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-mediċina tkun għad-dispożizzjoni għall-pazjenti meta l-evalwazzjoni tat-tender tkun pożittiva.

Seduta 275
11/11/2024

**MEDIĊINA ROSUVATIN**

**22851. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċina għall-cholesterol Rosuvatin tat-200mg għadhiex out of stock? Jista' jgħid ukoll jekk pazjenti li jieħdu din il-mediċina kellhomx imorru jixtruha minħabba l-fatt li kienet out of stock?

06/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-mediċina Rosuvatin tat-200mg hija disponibli.

Seduta 275
11/11/2024

**IR-RABAT, MALTA – TRIQ TAT-TABIJA - TRAFFIC CALMING MEASURES**

**22883. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22593 u jgħid jekk hux se jsiru xi tip ta' traffic calming measures fi Triq tat-Tabija, ir-Rabat, Malta, minħabba n-numru ta' inċidenti f'residenzi privati minħabba veloċità eċċessiva?

07/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ħarġet awtorizzazzjoni għall-upgrade tal-parti t'isfel ta' Triq it-Tabija kantuniera ma' Vjal il-Ħaddiem, kif ukoll għamlet rakkomandazzjonijiet għall-parti ta' Triq it-Tabija li tkompli għal Triq l-Għeriexem sabiex ikun hemm upgrade fit-traffic management u allura fir-rigward tas-sigurtà fl-użu tat-Triq.

Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - PERFORMANCE BONUS**

**22902. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma li huwa stess approva l-għoti ta' Performance Bonus ta' €6,890 lill-Kummissarju tal-Pulizija?

07/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dan huwa l-Gvern li bil-fatti ta aktar drittijiet u kundizzjonijiet lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija wara li ġie iffirmat ftehim settorali fis-sena 2018 u ieħor fis-sena 2023. Għaldaqstant ir-ranks kollha tal-Korp tal-Pulizija gawdew minn titjib fil-kundizzjonijiet u d-drittijiet tagħhom.

Dan b'differenza għal li kien jiġri qabel. Fejn fost l-oħrajn, membri tal-Korp tal-Pulizija kienu jintbagħtu għax-xogħol, u ma jitħallsux ta' xogħolhom, mingħajr ebda dinjità jew rispett.

Dan l-eżerċizzju sar ukoll mal-membri kollha tal-Korpi Dixxiplinati li wkoll gawdew minn ftehim kollettiv ġdid.

Riċentament reġa' kien hemm titjib fil-kundizzjonijiet u d-drittijiet tal-Korp tal-Pulizija permezz ta' ftehim settorali ġdid li ġie ffirmat bejn il-Gvern u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-Korp. Il-ftehim settorali jfisser żidiet fil-pagi u allowances fost benefiċċji oħra bħal progress iżjed mgħaġġel fl-iskali. Il-ftehim jirrikonoxxi wkoll li l-ħaddiema fil-Korp tal-Pulizija jiltaqgħu ma' bosta xenarji imprevedibbli.

L-Onor. Interpellant qiegħed jistaqsi dwar il-performance bonus tal-Kummissarju tal-Pulizija. Infurmat li l-Performance Bonus hu allowance stabbilit fost diversi karigi tas-Settur Pubbliku li tant iwettqu xogħol importanti. Infurmat li kwalunkwe allowance jew performance appraisal u l-ħlas relatat magħha issir jew mis-Superjur rispettiv ta' kull grad, jew mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru u dan inlinea mar-regoli tas-Servizz Pubbliku, u mhux mill-Ministru.

Infakkar lill-Onorevoli Interpellant li dan il-Ministeru, li għaliex verament nemmnu fid-drittijiet tal-ħaddiema kollha, fl-aħħar erba' snin għalaq aktar minn 19-il ftehim ma' ħaddiema varji fis-settur, li jinkludu t-tieni ftehim settorali li kien iffirmat mal-Unions li jirrappreżentaw lill-Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.

Dawn il-ftehimiet fissru pagi aqwa u kundizzjonijiet aħjar għall-Korpi Dixxiplinati, wara snin twal taħt amministrazzjoni preċedenti li ħalliethom mhux biss mingħajr kundizzjonijiet bażiċi – li ma titħallasx għas-sigħat li taħdem - iżda mingħajr ftehim settorali adegwat. Għalhekk, dan juri iswed fuq l-abjad, li kien dan il-Gvern li ta lura d-dinjità u r-rispett li jixraq lil dawk li jilbsu l-uniformi.

Infurmat ukoll illi fil-każ tal-Korp tal-Pulizija, il-ftehim settorali jkopri sal-iskala (5) ħamsa tal-Iskeda tal-Gradi tas-Servizz Pubbliku, jiġifieri sar-rank ta' Supretendent. Kull pakkett finanzjarju jinħadem u jkun approvat minn strutturi ċentrali apposta u għalhekk infurmat illi għall-ogħla ranks tal-Korp tal-Pulizija nbniet struttura ta' kundizzjonijiet li tkompli ma' dik tal-ftehim settorali u li tmexxa mill-istess Awtorità kompetenti li mexxiet il-ftehim settorali. Dan kollu hu spjegat f'Mistoqsija Parlamentari numru 21730.

Infurmat ukoll li kwalunkwe aġġustamenti fis-salarji fil-gradi ta' fuq tal-Korp tal-Pulizija jżommu r-relattività bejn l-imsemmija gradi u bejn il-kundizzjonijiet tal-Kummissarju u dak tad-Deputati Kummissarji u tal-Assistenti Kummissarji, illum id-differenza fis-salarju, hija anqas minn dik li kienet qabel daħlu fis-seħħ dawn l-aġġustamenti.
Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - PERFORMANCE BONUS**

**22903. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għal liema raġuni normalment tingħata l-performance bonus lill-Kummissarju tal-Pulizija?
07/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lil Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 22902.
Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - PERFORMANCE BONUS**

**22904. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid minn meta bdiet tingħata l-performance bonus ta' €6,890 lill-Kummissarju tal-Pulizija preżenti?

07/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lil Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 22902.
Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - PERFORMANCE BONUS**

**22905. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'jiġġustifika l-għoti tal-performance bonus ta' €6,890 lill-Kummissarju tal-Pulizija?
07/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lil Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 22902.
Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - PERFORMANCE BONUS**

**22906. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-performance bonuses li ngħataw lill-Kummissarju tal-Pulizija għas-snin 2021, 2022, 2023 u 2024?
07/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dan huwa l-Gvern li bil-fatti ta aktar drittijiet u kundizzjonijiet lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija wara li ġie iffirmat ftehim settorali fis-sena 2018 u ieħor fis-sena 2023. Għaldaqstant ir-ranks kollha tal-Korp tal-Pulizija gawdew minn titjib fil-kundizzjonijiet u d-drittijiet tagħhom.

Dan b'differenza għal li kien jiġri qabel. Fejn fost l-oħrajn, membri tal-Korp tal-Pulizija kienu jintbagħtu għax-xogħol, u ma jitħallsux ta' xogħolhom, mingħajr ebda dinjità jew rispett.

Dan l-eżerċizzju sar ukoll mal-membri kollha tal-Korpi Dixxiplinati li wkoll gawdew minn ftehim kollettiv ġdid.

Riċentament reġa' kien hemm titjib fil-kundizzjonijiet u d-drittijiet tal-Korp tal-Pulizija permezz ta' ftehim settorali ġdid li ġie ffirmat bejn il-Gvern u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-Korp. Il-ftehim settorali jfisser żidiet fil-pagi u allowances fost benefiċċji oħra bħal progress iżjed mgħaġġel fl-iskali. Il-ftehim jirrikonoxxi wkoll li l-ħaddiema fil-Korp tal-Pulizija jiltaqgħu ma' bosta xenarji imprevedibbli.

L-Onor. Interpellant qiegħed jistaqsi dwar il-performance bonus tal-Kummissarju tal-Pulizija. Infurmat li l-Performance Bonus hu allowance stabbilit fost diversi karigi tas-Settur Pubbliku li tant iwettqu xogħol importanti. Infurmat li kwalunkwe allowance jew performance appraisal u l-ħlas relatat magħha issir jew mis-Superjur rispettiv ta' kull grad, jew mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru u dan inlinea mar-regoli tas-Servizz Pubbliku, u mhux mill-Ministru.

Infakkar lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru, li għaliex verament nemmnu fid-drittijiet tal-ħaddiema kollha, fl-aħħar erba' snin għalaq aktar minn 19-il ftehim ma' ħaddiema varji fis-settur, li jinkludu t-tieni ftehim settorali li kien iffirmat mal-Unions li jirrappreżentaw lill-Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.

Dawn il-ftehimiet fissru pagi aqwa u kundizzjonijiet aħjar għall-Korpi Dixxiplinati, wara snin twal taħt amministrazzjoni preċedenti li ħalliethom mhux biss mingħajr kundizzjonijiet bażiċi – li ma titħallasx għas-sigħat li taħdem - iżda mingħajr ftehim settorali adegwat. Għalhekk, dan juri iswed fuq l-abjad, li kien dan il-Gvern li ta lura d-dinjità u r-rispett li jixraq lil dawk li jilbsu l-uniformi.

Infurmat ukoll illi fil-każ tal-Korp tal-Pulizija, il-ftehim settorali jkopri sal-iskala (5) ħamsa tal-Iskeda tal-Gradi tas-Servizz Pubbliku, jiġifieri sar-rank ta' Supretendent. Kull pakkett finanzjarju jinħadem u jkun approvat minn strutturi ċentrali apposta u għalhekk infurmat illi għall-ogħla ranks tal-Korp tal-Pulizija nbniet struttura ta' kundizzjonijiet li tkompli ma' dik tal-ftehim settorali u li tmexxa mill-istess Awtorità kompetenti li mexxiet il-ftehim settorali. Dan kollu hu spjegat f'mistoqsija parlamentari 21730.

Infurmat ukoll li kwalunkwe aġġustamenti fis-salarji fil-gradi ta' fuq tal-Korp tal-Pulizija jżommu r-relattività bejn l-imsemmija gradi u bejn il-kundizzjonijiet tal-Kummissarju u dak tad-Deputati Kummissarji u tal-Assistenti Kummissarji, illum id-differenza fis-salarju, hija anqas minn dik li kienet qabel daħlu fis-seħħ dawn l-aġġustamenti.

Ukoll infurmat li performance bonus beda jkun provdut mis-sena 2016 għal 12%, 2017 - 13%, 2018 - 12%, 2019 - 13.5%, 2020 - 14%, 2021 - 15%, 2022 - 15%, 2023 - 15% u 2024 - 15%.

Seduta 275
11/11/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - PERFORMANCE BONUS**

**22907. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-performance bonuses li ngħataw lill-Kummissarju tal-Pulizija għas-snin 2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019 u 2020?

07/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lil Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 22906.

Seduta 275
11/11/2024

**MEDICAL COUNCIL**

**22957. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Fid-dawl li l-Università, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, ingħatat liċenzja temporanja biex tkompli bil-ħidma tagħha, jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa l-Malta Medical Council f'dan ir-rigward?

07/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-Kunsill Mediku qatt ma rċieva applikazzjoniet mingħand tobba li ggradwaw minn din l-università.
F'din l-eventwalità l-Kunsill jikkonsidra l-applikazzjoni bl-istess mod kif jiġu ttrattati applikazzjonijiet minn universitajiet oħra barra l-UE.

Seduta 275
11/11/2024

**PERMESSI TA' OPERATURI LPTS MAĦRUĠA FUQ TCNS**

**22959. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm permessi ta' operaturi Light Persons Transport Sector (LPTS) li huma maħruġa fuq Third Country Nationals (TCNs) jew kumpaniji reġistrati fuq Third Country Nationals?

07/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it- tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 275
11/11/2024